**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Jeffrey Rizzo)**

**(Spettur Gabriel Micallef )**

**vs**

**Lucian Ionut Serban u**

**Andrei Nistor n/a Andrei Dinica**

**Illum, 1 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li **Andrei Nistor maghruf ukoll bhala Andrei Dinica** ta' 51 sena, iben Vasile u Valentina nee' Chirpac, imwieled Maicanesti Vrancea, Romania fid-19 ta' Lulju 1972 u residenti ġewwa CSA u detentur tal- Passaport Numru **60612391**.

**Lucian Ionut Serban** ta' 38 sena, iben Victor u Leana nee' Catatu, imwield Braila, Romania fil- 25 ta' Mejju 1986, residenti CSA, detentur tal-passport Rumen numru **64452267** ġew imressqa taħt arrest mil-Pulizija quddiem din il-Qorti fejn ġew akkużati talli:

*"... b' diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda:*

1. *Nhar it-12 ta' Marzu 2024 minn ġewwa l-'Bus Terminus' tal-Floriana, Malta u/jew fi bnadi oħra f' dawn il-Gżejjer, ikkommettew serq semplici ta' kartiera bi flus kontanti għad-dannu ta' Patricia Tatiana Feraru u/jew persuni oħra u/jew entita'/entitajiet oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Nakkuzaw lil **Lucian Ionut Serban** wahdu talli:*

1. *Nhar id-09 ta' Marzu 2024 xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *U aktar talli fl-istess data minn gewwa l-'Orient Market' li jinsab fi Triq Gianni Bencini, Gzira, kkommetta serq permezz ta' karta ta' kreditu ghad-detriment ta' Dimitrios Kapralos u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;"*

Il-Qorti ġiet mitluba, kemm il-darba l-imputati jinstabu ħatja, tingħata lilhom l-addebitu tar-reċidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta` ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħatja għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta` parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħalma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex, fil-każ ta` ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, meta tagħti s-sentenza tordna lil-ħatja sabiex jirrestitwixxu lil parti offiża kull ħaġa minnhom misruqa bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat jew li jħallsu lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra u dan ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-pulizija esebew il-fedina penali u l-passaporti tal-imputati, talbu li dan il-każ jiġi investigat skond il-liġi.

Rat li wara li l-uffiċjal prosekutur qara bil-ġurament l-akkużi miġjuba kontra l-imputati, huma ammettew l-akkużi.

Rat li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputati u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tagħat żmien lill-imputati biex jerġgħu jikkonsultaw mal-avukat tagħhom u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidraw l-ammissjoni tagħhom mill-ġdid, u għal dan il-għan ipposponiet il-kawża, wara li reġgħet issejħet l-imputati kkonfermaw l-ammissjoni tagħhom.

Rat illi l-Uffiċjal Prosekutur ippreżenta bil-ġurament tiegħu xi dokumenti sabiex jagħtu sfond għal dawn il-proċeduri.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, din il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li tgħaddi għas-sentenza u dan wara l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fiċ-ċirkostanzi.

Fir-rigward tal-piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tal-ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, l-fatt li l-imputati ikkoperaw mil-bidu mal-uffiċjali tal-pulizija u saħansitra ippreżentaw is-somma ta' €276.24 li kien ir-rikavat u d-danni rekati mil-vittmi, konsistenti fis-somma ta' €250 ewro lill-Patricia Tatiana Feraru u s-somma ta' €26.24 ewro lill-Dimitrios Kapralos, u dan sabiex jitħallsu l-imsemmija vittmi.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-iskop tal-piena ma għandux ikun wieħed ta' tpattija. Il-piena ma għandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Pero il-piena għandha diversi skopijiet fosthom li jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil ta' dak li jkun.

Il-Qorti għaldaqstant taqbel mal-partijiet li fiċ-ċirkostanzi, għal-diversi raġunijiet, l-imputati jingħataw piena, wara li jingħata l-addebitu tar-reċidiva tkun fil-minimu tagħha.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 284, 334, 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputati **Lucian Ionut Serban** detentur tal-passport Rumen numru **64452267 u Andrei Nistor** detentur tal- Passaport Numru **60612391** ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, kif minnhom ammessi, u wara li tagħthom l-addebitu tar-reċidiva tikkundannhom għal-piena ta' xahrejn (2) priġunerija kull wieħed.

Peress li ma jirriżultax li ġew maħtura xi esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, kif ukoll tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ai termini tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante li l-imputati diġà rritornaw ir-rikavat u l-valur tal ħsara lill vittmi.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------